**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 3 ta' Lulju 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**PHILIP CAMILLERI**
**ANSELMO CAMILLERI**

**Kump Nru 286/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Philip Camilleri** ta' 53 sena, bin Rosario u Frances nee' Zammit, imwieled Qrendi fit-28 ta' Dicemrbu 1957 residenti numru 14, Triq il-Bali Guarena Qrendi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 30858M u **Anselmo Camilleri** ta' 17-il sena bin Philip u Antonia nee' Mifsud, imwieled il-Pieta fit-8 ta' Dicembru 1993 residenti numru 14, Triq il-Bali Guarena, Qrendi detentur tal-karta tal-identita numru 556293M gew akkuzati talli bejn il-lejl tad-

9 ta' Frar 2011 u l-10 ta' Frar 2011 gewwa tan-Niksu Farmhouse, Triq il-Belt Valletta, Zurrieq;

1. Volontarjament tajtu n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew lok iehor u cioe, karozzi pparkajti fl-imsemmi garage, meta ma kien hemm l-ebda persuna gewwa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunajtu hsara fuq sitt karozzi u l-affarijiet li kienu fihom kif ukoll fl-istruttura tal-bini u container, liema hsara teccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommettejtu serq ta' *speakers* tal-ghamla Pioneer*, amplifier u cylinder head* minn vettura tal-ghamla Peugeot 405 ghad-dannu ta' Mark Cauchi u/jew persuni ohra liema, serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jabizx elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u f'dawn il-gzejjer xjentement lqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa jew mehuda, b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex tbieghhom jew tmexxuhom, liema reat jikkonsisti f'serq li huwa aggravat bil-mezz, hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-11 ta' Frar 2011 (ara *folios* 26 u 27) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Qorti tippuntwalizza li l-imputati kienu effettivament wiegbu hatja propju fil-prezentata waqt l-ezami lilhom maghmul nhar il-11 ta' Frar 2011. Madanakollu huma kienu rtiraw din l-ammissjoni fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2012 (ara folio 34). Izda wara li nstemghu numru ta' xhieda u l-prosekuzzjoni ressqet l-evidenza kollha, l-imputati regghu irregistraw ammissjoni fuq l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom propju fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2018 (ara folio 144). Wara din l-ammissjoni, propju fl-10 ta' April 2019, l-imputati tennew u insistew fuq l-ammissjoni taghhom.

**Ikkunsidrat;**

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet msemmija migjuba kontra taghhom gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni tal-htija skond din l-ammissjoni taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahjar sanzjoni applikabbli il-Qorti hasbet fil-tul u tinsab meghjjuna naturalment mir-rizultanzi processwali, u dana kif ser jigi indikat hawnhekk.

**Anselmo Camilleri**

Dwar dan l-imputat gie mhejji *pre-sentencing report* mill-ufficjal tal-probation Ivan Sultana. Ir-rapport relattiv gie esebit bhala **Dok.IS** li jinsab a folio 152 *et sequitur*. Kif inhu mehtieg, f'dan ir-rapport hemm gabra sostanzjali ta' informazzjoni utili. Kif jirrizulta mill-istess rapport, u wara analizi approfondita mill-istess ufficjal tal-probation, ir-rakkomandazzjoni tieghu (kif tinsab fuq wara tal-pagna 156), hi li fid-dawl tal-informazzjoni migbura, kien qed jigi rakkomandat lill-Qorti li **Anselmo Camilleri** jinghata ordni ta' probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi.
It-tabib psikjatra Dr. Joe Cassar, permezz ta' rapport minnu pprezentat bhala Dok.JC li jinsab a folio 140 *et sequitur*, jikkonkludi, dwar **Anselmo Camilleri** (ara folio 143), illi dan l-imputat "*ma jidhirx li jbati minn mard ta' sahha mentali, imma jidher car li dejjem ghex f'biza minn missieru Philip Camilleri u dan gie ppruvat minn ommu. Fil-hin tal-allegat reat jidher li s-Sur Anselmo Camilleri hassu mhedded minn missieru u kellu jisma minnu ghax beza li jitkecca mid-dar.*"

**Philip Camilleri**

Dwar dan l-imputat gie wkoll mhejji *pre-sentencing report* mill-ufficjal tal-probation Mary Rose Farrugia. Ir-rapport relattiv gie esebit bhala **Dok.MRF** li jinsab a folio 164 *et sequitur*. Kif inhu mehtieg, ukoll f'dan ir-rapport hemm gabra sostanzjali ta' informazzjoni utili. Kif jirrizulta mill-istess rapport, u wara analizi approfondita mill-istess ufficjal tal-probation, ir-rakkomandazzjoni taghha (kif tinsab fuq wara tal-pagna 168), hi li fid-dawl tal-informazzjoni migbura, kien qed jigi rakkomandat lill-Qorti li **Philip Camilleri** jinghata ordni ta' supervizjoni marbuta ma' sentenza sospiza fil-massimu permess mill-ligi, kif ukoll li jikkumpensa lill-vittmi ghad-danni sofferti.

It-tabib psikjatra Dr. Joe Cassar, permezz tar-rapport minnu pprezentat bhala **Dok.JC** li jinsab a folio 140 *et sequitur*, jikkonkludi, dwar **Philip Camilleri** (ara

folio 143), illi dan l-imputat "*ibati minn problemi kronici ta' dipressjoni, irritabilita severa u impulsivita emozzjonali, liema impulsivita wasslitu sabiex jasal biex jipprova jtemm hajtu diversi drabi fil-passat. L-allegat reat kien wiehed minn dawn l-episodji fejn l-impulsivita emozzjonali geghlet lis-Sur Camilleri jiehu decizjoni zbaljata. Mandankollu fil-hin u z-zmien tal-allegat reat ma jidhirx li s-Sur Philip Camilleri kien qieghed fi stat ta' genn skond it-termini tal-ligi. …. Is-Sur Philip Camilleri ghandu bzonn kura psikjatrika u psikologika fit-tul...*"

F'din it-tema ta` sanzjoni, din il-Qorti qed tikkonsidra wkoll:

1. L-fattur tal-ammissjoni tal-imputati, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali ta` l-imputati;
4. Qeghda tqis pero`, b'attenzjoni partikolari, ir-rapporti tal-ufficjali tal-Probation esebiti, kif ukoll ir-rapport tat-tabib psikjatra Dr. Joe Cassar. Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

Minn evalwazzjoni dettaljata ta' dawn l-atti kollha, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputati jehtieg jitqiesu bhala kandidati idonei sabiex favur taghhom tigi kkunsidrata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li, fil-konfront tal-imputat **Anselmo Camilleri**, ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fir-rapporti gia hawn fuq imsemmija, li l-imputat ghandu jigi imqieghed taht ordni ta' *probation*, liema sanzjoni, fil-fehma ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li

jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehma ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat **Anselmo Camilleri**, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-imputat **Philip Camilleri**, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm imposta piena ta' prigunerija, liema prigunerija tkun sospiza fit-termini tal-Artikolu 28A; u taht ir-regim ta' din is-sentenza sospiza il-Qorti temmen li l-ghan tal-gustizzja jintlahaq billi tigi mposta ordni ta' supervizjoni skond l-Artikolu 28G kif ukoll ordni ta' kumpens fit-termini tal-Artikolu 28H.

**KONKLUZJONI.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 28A, 28H, 31, 263, 267, 270, 271, 318 u 325(a), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati **Philip Camilleri u Anselmo Camilleri,** fuq ammissjoni taghhom stess, hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom, u:

A. Dwar il-hati **Anselmo Camilleri tordna** li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum, bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

   Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx

ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-hati **Anselmo Camilleri** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tal-Probation and Parole sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat **Anselmo Camilleri**.

In oltre, bis-sahha tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati **Anselmo Camilleri** ihallas l-ispejjez skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu tal-Ligi u cioe:

| | | |
|---|---|---|
| Profs Alfred Vella | Fol.37 | €585.28 |
| Psikjatra Joe Cassar | Fol.143 | €340 |
| PS1525 Patrick Farrugia | Fol.60 PV | €123.45 |
| PS1184 Patrick Grech | Fol.127 | €27.96 |
| PS74 Mark Chetcuti | Fol.104 | €46.00 |
| Joseph Zammit | Fol. 32 PV | €361.08 |

Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

B. Dwar **Philip Camilleri** tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija;

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **Philip Camilleri** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

In oltre bis-sahha tal-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel fil-konfront ta' **Philip Camilleri** ordni ta' supervizjoni ghall-perjodu operattiv ta' erba snin. Konsegwentament kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi kkomunikata lid-Direttur Probation and Parole.

In oltre bis-sahha tal-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel ukoll fil-konfront ta' **Philip Camilleri**, ordni ta' kumpens billi jhallas, fi zmien sitt (6) xhur lil:

| | |
|---|---|
| Mark Cauchi | €8,000 |
| Joseph Darmanin (Uskin Ltd.) | €7,000 |

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur